ĦAL TARXIEN

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2017

**SEDUTA NUMRU 33/07 – L-Erbgħa 22 ta' April 2015 fis-18:00pm.**

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *JOSEPH ABELA* | *SINDKU* | |
| *PAWLU FARRUGIA* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *KEITH DARMANIN* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | *Wasal fi 18:40pm* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

**AGENDA**

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjoni mis-Sindku (InkluKorrispondenza)
3. Affarijiet Finanzjarji
    - *Skeda ta' Pagamenti*
4. Rapport mill-Kunsillieri
5. Ħwejjeġ Oħra
6. Għeluq tal-Laqgħa

**TALBA**

**Is-Sindku qal il-talba u ppressieda l-laqgħa.**

## 1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

i. Il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 32/07 ta' nhar **il-Ħamis 26 ta' Marzu 2015 fis-6.00pm** ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel.

ii. Dawn ġew approvati unanimament. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Joseph Abela u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea.

## 2 Komunikazzjoni mis-Sindku (inkluż korrispondenza)

i. Is-Sindku nfurma lill-Kunsill, li f'dan il-każ għad mhemmx żviluppi peress li għadna qed niċċekkjaw xi affarijiet. Is-Seg. Eżek. qalet li minn verifika li hija għamlet diġa' flimkien mal-Accountant tal-Kunsill jirriżulta li d-diskrepanza qegħda fuq il-5% CM fees u dan apparti l-ħlas tal-credit notes tal-GO. Pendenzi mill-Kuntrattur Vella Group Ltd

i.i Is-Seg. Eżek infurmat lill-Kunsill li sadanittant il-Kuntrattur għadu ma bgħatx kopja tal-Garanzija Bankarja imġedda kif ukoll kopja tal-irċevuta tal-ħlas li rċieva mingħand il-kumpanija GO.

ii Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li l-laqgħa mal-Onor. Ministru Joe Mizzi saret u flimkien miegħu attendew il-Viċi Sindku kif ukoll is-Seg. Eżek. u qal li bħalissa qegħdin fi żviluppi li ser ikun qed jirrapurtahom iktar il-quddiem. Laqgħa Onor. Joe Mizzi

iii. Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li kellu laqgħa mas-Sur Andrew Haig tat-TM peress li s-Sur Kevin Zahra kien indispost. Is-Sindku kompla jispjega li waqt din il-laqgħa kien infurmat li ser jiżdiedu xi rotot għal Ħal Tarxien. Kif ukoll nistgħu naħsbu għal post fejn nagħmlu Venda fir-raħal sabiex ikollna karozzi tal-linja iżgħar li jduru mar-raħal u jibqgħu sejrin il-Belt. Laqgħa ma' TM dwar ir-rotot tal-linja

iii.i Saret diskussjoni fit-tul mill-Kunsillieri dwar dan u ġie deċiż li l-Kunsillieri jaħsbu ftit dwar xi post adekwat għal Venda u jressquhom f'laqgħa oħra.

iii.ii Bħala prinċipju li jkun hawn Venda fir-raħal il-Kunsill qabel unanimament. Sar qbil li s-Sindku jfassal rotta u jgħaddiha lill-Kunsillieri kollha għall-approvazzjoni tagħhom.

iv. Is-Sindku ser jerġa jitkellem mal-Kunsillier Ismael Dalli sabiex jaraw kif tista ssir din il-facebook page tal-Kunsill biex ikun hawn aktar awareness mal-pubbliku in ġenerali. Facebook Page

v. Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li x-xogħol fil-Berġa għaddej. Berġa fi Triq Santa Marija

vi. Rigward l-laqgħa mal-E. T. l-Ambaxxatur Malti għall-Bulgaria, il-Viċi Sindku nfurma lill-Kunsill li din il-laqgħa saret kif ippjanat nhar l-1 t'April 2015 fl-Ambaxxata l-Belt Valletta. Għal din il-laqgħa flimkien mal-Viċi Sindku attendiet is-Seg. Eżek. Stedina Ambaxxatur Malti għall-Bulgaria

vi.i Il-Viċi Sindku spjega dak li ġie diskuss waqt din il-laqgħa u qal li wieħed irid jara kif nistgħu nikkollaboraw biex dan il-ġemellaġġ jissaħħaħ. Huwa qal li semma wkoll li forsi nistgħu nifirxuha anke reġjonali.

*Il-Kunsillier Ismael Dalli wasal fis-18:40pm*

vii. Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li ser jerġa jagħmel laqgħa ma' Dr Malcolm Borg biex naraw eżatt f'hix nistgħu napplikaw. Fondi EU

viii. Rigward il-gazebo ta' Ġnien Veliko Turnovo, is-Sindku nfurma lill-Kunsill li saret laqgħa ma' rappreżentanta tal-Għaqda tal-Artiġġjanat Malti fejn ġie spjegat lilha eżattament x'jinvolvi l-proġett u anke ħadniha fuq il-post biex tara b'għajnejha u għandha titkellem mal-Board u tkellimna lura bi kwalunkwe deċiżjoni. Ġnien Veliko Turnovo

viii.i Rigward l-Information Kiosk tal-Pjazzetta ta' Triq Santa Tereża s-Sindku qal li bħalissa għaddej jitkellem ma' xi nies biex b'mod volontarju għal ftit siegħat kuljum jiftħulna din il-kiosk.

ix. Is-Sindku nfurma l-Kunsill li fuq il-vann tal-Kunsill qed jinzamm logbook. Il-Viċi Sindku talab li jara kif qed jinżamm dan il-logbook. Vann tal-Kunsill u t-tieni vann

ix.i Is-Seg. Eżek infurmat lill-Kunsill li sadanittant id-Dipt. Gvern Lokali qiegħed jitlob aktar dettalji relatati ma' dawn iż-żewġ vannijiet u li hi qed tgħaddilhom dak mitlub.

x. Is-Sindku nfurma lill-Kunsill dwar l-attivita' li ser tittella' b'tifkira tal-Vittmi tal-Gwerra il-Ġimgħa 24 ta' April 2015 f'xi 19:00pm. Attivita' Vittmi tal-Gwerra

xi. It-tabelli u l-mirja li kellhom jinxtraw inxtraw għal Triq Sir Temi Zammit. Tabelli u mirja ġodda għal Triq Sir Temi Zammit

xii. Is-Seg. Eżek. infurmat il-Kunsill li rigward is-sejħa għall-impjieg full time ta' Uffiċċjal Eżekuttiv fuq Skala 13 u persuna oħra Skrivana part-time fuq Skala 15 fuq bażi back to back, għad m'għandniex l-approvazzjoni mid-Dipt Gvern Lokali. Sejħa għal Imjegati ġodda

xii.i Sadanittant is-Seg. Eżek. infurmat il-Kunsill li ma' l-ETC teżisti skema li ġġib studenti sabiex jittrenjaw fid-dinja tax-xogħol. Il-Kunsill qabel li napplikaw għal tnejn minn dawn l-istudenti. Traineeship Scheme

xiii. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li dwar iż-żewġ persuni li ressqu t-talbiet għal rifużjoni minħabba ħsarat f'tyres u/jew vetturi minħabba l-istat tat-toroq li l-Kunsill, persuna minnhom bgħatet email lid-Dipt. Gvern Lokali fejn dan min-naħa tiegħu reġa għaddieha lura lilna. Din l-email tad-Dipartiment flimkien mal-ittra ta' wieħed minn dawn il-persuni kienet ġiet mgħoddija lill-Kunsillieri kollha għall-kummenti tagħhom. Ħsarat fuq vetturi u/jew tyres minħabba stat ta' toroq

xiii.i Il-Kunsillier Lawrence Bonavia reġa tenna li għandna niktbu lill-Avukat tal-Kunsill sabiex jagħtina l-parir legali tiegħu. Filwaqt li l-Viċi Sindku qal li hu tkellem mal-Assoċjazzjoni Gvern Lokali fejn qablu miegħu li d-deċiżjoni għandha tkun għall-Kunsilli kollha xorta.

xiii.ii Il-Kunsill qabel unaniment li nistennew tweġiba mill-Assoċ. Gvern Lokali.

xiv. Rigward l-artiklu li kien deher fuq il-gazzetta The Times ta' nhar l-Erbgħa 4 ta' Marzu 2015, is-Seg. Eżek. qrat it-tweġiba li waslet mid-Dipt.dakinhar. Pero sadanittant il-Kunsill qabel li dan il-każ issa ġie preskritt. Artiklu Gazzetta THE TIMES 4/3/15

xv. Rigward il-kontijiet għoljin tal-Arms kemm l-uffiċini tal-Kunsill Lokali kif ukoll taċ-changing rooms tal-5 aside, Sindku nfurma lill-Kunsill li meta mar jiċċekkja qalulu li jirriżulta li kollox sewwa hemm. Kontijiet għoljin

xvi. Rigward zebra cross fi Triq Ħal Luqa, s-Seg. Eżek. infurmat il-Kunsill li kienet infurmat lill-Onor. Silvio Parnis bid-deċiżjoni tal-Kunsill pero dan min-naħa tiegħu reġa' kiteb u talab lill-Kunsill sabiex iz-zebra cross jibqgħu tnejn pero waħda minnhom tiċċaqlaq iktar 'l-fuq. Zebra cross Luqa Road

xvi.i Il-Kunsill qabel unaniment u baqa tal-istess fehma li jibqa' kollox kif inhu.

xvii. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li rċevejna email mingħand l-Assoċ. Gvern Lokali rigward *shared spaces in urban areas – improving the urban environment*, biex il-Kunsill iressaq xi proposti tiegħu. Il-Kunsillier Ismael Dalli ser jieħu ħsieb din l-email u jressaq il-proposti f'laqgħa oħra. Il-Viċi Sindku nfurma lill-Kunsill li jekk il-Kunsill jagħmel xi proposti jista' anke' jgħaddihom lilu peress li hu bħala membru fl-Eżekuttiv kien involut f'dan il-proċess. Shared Spaces

xviii. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li l–ANSEK ser torganizza sessjoni ta' informazzjoni fil-Wasteserv. Din l-istedina hija miftuha għas-Sindki, Kunsillieri responsabbli mill-Immaniġġjar tal-Iskart kif ukoll għas-Seg. Eżek. Ser jattendu l-Kunsillier Ismael Dalli flimkien mas-Seg. Eżek. Sessjoni fil-WASTESERV Malta

xiv. Is-Seg. Eżek infurmat lill-Kunsill li rċevejna email mingħand l-AKL li ser isiru xi tqassim ta' *TALLINJA CARDS* mill-Kunsilli Lokali. Dawn il-cards ser jinġabru mir-residenti. Is-Seg. Eżek. qrat l-email kif miktuba. Bħala rikumpens għall-użu tar-riżorsi tal-Kunsilli qed ikun propost li kull Kunsill jingħata €10 għall kull Kunsillier li għandu kull Kunsill. TALLINJA CARDS

xiv.i Il-Kunsillier Lawrence Bonavia ssuġġerixxa li nutillizzaw il-ħaddiema li għandna assenjati magħna.

xiv.i Saret diskussjoni dwar dan u l-Kunsill qabel ma' dan.

## 3 Affarijiet Finanzjarji

Skeda ta' Pagamenti

- ***Skeda ta' pagamenti***

i. Is-Sindku staqsa dwar iż-żewġ kontijiet tal-Perit Dieter Falzon. Il-Viċi Sindku qal li sa fejn jaf hu kollox kienu ħallsu. Pero jekk dawn il-kontijiet il-Perit qatt ma kien bgħathom dak ħaġ'oħra.

ii. Ġie deċiż li nivverifikaw sewwa mal-Accountant tal-Kunsill li dawn iż-żewġ kontijiet fil-verita' qatt ma tħallsu.

iii. Sadanittant il-Kunsill qabel unanimament li l-Iskeda ma tiġix iffirmata għalissa pero il-kumplament tal-pagamenti elenkati fl-Iskeda jitħallsu kollha apparti dawk tal-Perit Dieter Falzon.

## 4 <u>Rapport tal-Kunsilliera</u>

*Rapport mill-Kunsillier Frans Agius*

i Il-Kunsillier Frans Agius qal li ser jerġgħu jsiru l-korsijiet tal-IKIDS fis-sajf. Il-Kunsill qabel unanimament li dawn isiru. IKIDS

i.i Is-Sur Agius żied li kien ser jipproponi li jsir ukoll l-kors tal-ECDL. Il-prezz ikun issussidjat mill-Kunsill. Ġie deċiż li s-Sur Agius jitkellem ma' TCTC u jirraporta lura l-Kunsil b'xi prezzijiet. ECDL

i.ii Il-Kunsill qabel unaniment.

i.iii Is-Sindku nforma lill-Kunsillier Frans Agius li xi ħadd avviċinah biex jibda jagħti lezzjonijiet ta' tpinġija u crafts. Ser jagħmel kuntatt miegħu s-Sur Agius. Korsijiet tat-Tpinġija

*Rapport mill-Kunsillier Lawrence Bonavia*

ii. Is-Sur Bonavia nfurma lill-Kunsill li t-taħdidiet fuq is-saħħa, idumu tal-inqas siegħa, siegħa u nofs. Taħdidiet dwar is-Saħħa

*Rapport mill-Kunsillier Keith Darmanin*

iii. Il-Kunsillier Keith Darmanin issuġġerixxa li jerġgħu jibdew l-Aerobics. Staqsa lill-Kunsill jekk jaqblux li jintuża l-grawnd 5 aside. Il-Kunsill qabel li jsiru fil-grawnd. *Aerobics*

iii.i Is-Sur Darmanin issuġġerixxa li ċ-Ċertifikati tal-Aerobics jitqassmu wara l-festa. Il-Kunsill qabel.

iii.ii Is-Sur Darmanin ippropona li jerġgħu jibdew il-laqgħat tan-Neighbourhood Watch. U qed jissuġġerixxi li jsiru żewġ laqgħat *Nieghbourhood Watch*

- 16 ta' Ġunju 2015 fis-6.30pm għan-nies ta' Vjal Simmons;
- 30 ta' Ġunju 2015 fis-6.30pm għan-nies ta' Triq Moira Mintoff, Triq Spiru Spiteri, Triq Dun Mikiel Vella, Triq Ċikku Saliba u Triq Dar Tal-Kejka

iii.iii Il-Kunsill qabel li jsiru dawn il-laqgħat.

*Rapport mill-Kunsillier Ismael Dalli*

iii Is-Sur Dalli nfurma lill-Kunsill li għadu qed jistenna li l-operatur jġibilna ż-żewġ riċipjenti li ser jitpoġġew wieħed quddiem il-Kunsill Lokali u ieħor fi Ġnien Mark Farrugia u jekk inhu possibli nżidu ieħor fi Ġnien Ovindoli. Tankijiet għar-riċiklaġġ tal-apparat elettroniku

iv. *Rapport mill-Kunsilliera Doris Vella*
Is-Sinjura D. Vella qalet li l-attivita' li saret fi Chateau Buskett kienet suċċess. Attivita' Chateau Buskett

5. **Ħwejjeġ Oħra**

i. Il-Kunsillier Lawrence Bonavia qal li sabuh xi nies mill-area ta' Triq Lorenzo Gonzi fejn qalulu li xi jiem ilu sar xi serq minn xi 15-il karozza u għalhekk qed jissuġġerixxi li ssir xi bozza ġdida u forsi wkoll tiżdied ir-ronda tal-pulizija. Serq Minn Karozzi

ii. Il-Kunsillier Keith Darmanin qal li ser ikollu laqgħa mal-pulizija u ser iressaq dan l-ilment ukoll.

iii. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li dwar il-grawnd 5-aside jerġa jsir kuntatt mas-Sur Desmond Mizzi biex naraw fhix wasal il-każ tat-turf. Is-Sindku wieġeb li ser jieħu ħsieb hu jikkuntattjah. Grawnd 5 aside

iv. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li t-Tender tad-Dawl issa ilu skadut u kien sar qbil li ningħaqdu mar-Reġjun Xlokk sabiex tinħareġ tender waħda komuni għal kull min irid jidħol għaliha. Din it-tender fil-verita' ħarġet u applika għaliha kuntrattur wieħed biss fejn il-prezzijiet sottomessi huma għoljin wisq meta pparagunati mal-prezzijiet eżistenti. Tender tad-Dawl

iv.i Is-Sindku ssuġġerixxa li niktbu lir-Reġjun Xlokk fejn ngħidulu li l-Kunsill tagħna ma jaqbilx ma dawn il-prezzijiet u għalhekk qegħdin nissuġġerixxu li dan il-Kunsill joħroġ tender għalih.

iv.ii Il-Kunsillier Lawrence Bonavia qallu li huwa minnu li dawn il-prezzijiet huma relattivament għoljin, pero x'garanzija jista' jkollna li jekk noħorġu tender għalina l-prezzijiet ma jkunux xorta jew għola?

iv.iii Is-Sindku wieġeb li hu ma jistax jagħti garanzija pero kien hemm każijiet f'tenders oħra li l-prezzijiet ġew irħas.

iv.iv Is-Sindku ssuġġerixxa li niktbu lir-Reġjun fejn ngħidu li dan il-Kunsill ma qabilx ma' dawn prezzijiet u qed jitlob li jew il-prezzijiet jiġu riveduti jew inkella l-Kunsill ser joħroġ tender għal-rasu. Is-Seg. Eżek. wieġbet li hija ma tistax tikteb lir-Reġjun xi ħaġa bħal din għaliex ladarba l-prezzijiet huma li huma u ġew sottomessi f'tender dawn ma jistawx jiġu riveduti.

iv.v Għalhekk ġie deċiż li l-Kunsill jikteb lir-Reġjun li l-prezzijiet qed narawhom għoljin apparagun mal-prezzijiet l-oħra.

*Il-Kunsillier Keith Darmanin irtira mill-laqgħa fi 19:10pm*

v. Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li rċevejna lment minħabba parkeġġ fi Triq San Anard. Is-Sindku ċċekkja u sab li din il-persuna li kitbet hija s-Sinjura Carmen Borg tal-GRTU. Apparti minnhekk is-Sindku qal li l-proġett kien sar minn Transport Malta u għalhekk din għandha tirreferi għandhom. Parkeġġ - Triq San Anard

v.i Il-Viċi Sindku żied jgħid li għalkemm dan il-proġett kien sar minn TM aħna għandna naraw li l-ewwel u qabel kollox r-residenti jkunu moqdija wkoll għalhekk ladarba t-TM terġa tressaq il-proposti tagħha wieħed għandu jevelwahom sew.

vi. Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li għall-VOT16 sab persuna ġdida jisimha Elise Aquilina. Il-Kunsill qabel ma' din il-persuna. VOT16

vii. Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li rċieva talba mingħand persuna li ser jilħaq qassis fejn talab sabiex isir riċeviment tal-pussess ġewwa Ġnien Joanne. Il-Kunsill qabel unanimament. Riċeviment tal-Pussess

viii. Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li l-bandla ta' Ġnien Joanne trid tinbidel. Ġie deċiż li t-tender jiġġedded għal ftit żmien u nixtru l-istruttura parti parti. Il-Kunsill qabel unanimament. Bandla Ġnien Joanne.

ix. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-parti ta' fuq ta' Ġnien Joanne jinbidel fi ġnien tal-klieb. Huwa qed jissuġġerixxi li nitkellmu mal-Onor. Roderick Galdes forsi jkun jista' jagħtina xi forma ta' għajnuna. Il-Kunsill qabel. Ġnien tal-Klieb

x. Is-Sindku qal li għandna talba sabiex fi Triq it-Tarzna ssir road hump. Il-Kunsill qabel li ssir. Road hump fi Triq it-Tarzna

xi. Is-Sindku ssuġġerixxa li jsir double yellow line f'parti minn Triq it-Tarzna faċċata ta' żewġ garaxxijiet. Il-Kunsill qabel li jsiru. Double yellow line

xii. Is-Sindku ssuġġerixxa li ssir bozza ġdida fi Triq Pietro Gagliardi. Il-Kunsill qabel li ssir. Bozza ġdida fi Triq Pietro Gagliardi

xiii. Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li ser nibdew induru l-ġnien li hemm fi Triq Kurunell Mass bħal pereżempju l-kurduna, il-bankijiet etc. Il-Kunsill qabel unanimament. Ġnien Kurunell Mass

xiv. Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li għall-attivita' ta' Tifkira tal-Vittmi tal-Gwerra hemm bżonn nordnaw 2 wardens sabiex jidderieġu t-traffiku. Il-Kunsill qabel. Servizz ta' 2 Wardens

xv. Is-Sindku qal li Ħadd qabel il-festa ser tittella' attivita' fuq il-pjanċier fil-pjazza tal-knisja. Is-Sindku ssuġġerixxa li dak inhar waqt l-istess attivita' nagħtu Ġieħ Ħal Tarxien, Unur il-Kunsill u t-tifkira lill-emigranti. Il-Kunsill qabel li jsir hekk. Attivita' ta' qabel il-festa

xvi. Is-Sindku fakkar lill-Kunsillieri li t-Tnejn 27 ta' April 2015 hemm il-laqgħa pubblika fiċ-Ċentru Komunitarju. Laqgħa Pubblika

6 **Għeluq tal-Laqgħa**

Il-laqgħa ntemmet fit-20:45pm.

Laqgħa oħra ser issir nhar l-Erbgħa 27 ta' Mejju 2015 fis-6.30pm.

**Sur Paul Farrugia**
**Sindku**

**Sna. Antonella Galea**
**Seg. Eżek**